# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru. 1224

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maghqudin

u

Freeport Terminal (Malta) p.l.c.

u

General Workers Union li ssejhet fit-Tilwima b' digriet datat 13 ta' April, 1998

dwar xoghol li allegat qed jinghata irregolarment lill-haddiema li mhumiex impjegati tal-Freeport Terminal

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**Membri : Is-Sur Alfred Buhagiar**
**Is-Sur Sydney Gatt F.C.I.T.**

## DIGRIET

It-Tribunal Industrijali qieghed jirreferi ghac-citazzjoni Nru. 125 datata 7 ta' Ottubru, 1998 prezentata lit-Tribunal fis-seduta tat-Tnejn 19 ta' Ottubru 1998 u ghall-proposta

maghmula minn Dr. R. Camilleri ghal isem il-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. fl-istess seduta tat-Tnejn 19 ta' Ottubru, 1998 biex tizdied it-Terms of Reference originali bis-segwenti :

> "Dr. Richard Camilleri ghan-nom tal-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. jitlob li t-Tribunal Industrijali li jzid ma' t-Terms of Remit is-segwenti kwistjoni u cioe' Jekk il-kumpanija ghandhiex izzomm it-tmien haddiema tal-Port bl-istess kundizzjonijiet provizorjament sakemm jigu dicizi l-aspetti l-ohra kollha tat-Tilwima tax-Xoghol illi ggib mieghu quddiem dan it-Tribunal originarjament."

Wara kunsiderazzjoni shiha tal-proposta u dak kollu li ntqal dwarha tul l-istess seduta t-Tribunal huwa tal-fehma li ma jkunx floku li jaccetta z-zieda proposta fit-Terms of Reference meta gew inizzjati passi ulterjuri quddiem il-prim Awla tal-Qorti Civili biex jigi nullifikat id-digriet tat-Tribunal moghti fit-23 ta' Settembru, 1998 dwar il-partecipazzjoni tal-individwi elenkati fic-citazzjoni tas-7 ta' Ottubru, 1998.

Dan izda ma jimpedix lill-partijiet jaghmlu sforz kongunt u jiftehmu arrangamenti provisorji accettabbli ghan-nahat kollha li ma jippregudikawx il-kazi rispettivi taghhom.

-------------------

**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

-------------------

**Alfred Buhagiar**
**MEMBRU**

-------------------

**Sydney Gatt**
**MEMBRU**

**Illum : 20 t'Ottubru, 1998**

mrg